# Min Kien San Kurradu



kitba ta' **Anna MENDES CORDEIRO**

F'Settembru ta' l-1960 mort fuq l-ewwel safra tiegħi ma' grupp kbir ta' membri tal-Leġjun ta' Marija u għamilt l-esperjenza ta' ħamest ijiem fi Sqallija. Jum minnhom żorna l-belt ta' Noto, u wara l-ikel, jien u l-ħabiba tiegħi Tereża, morna nimxu fil-wied fejn kien hemm statwa kbira. Il-kurżità għelbitni u ersaqt nara min kien dak il-qaddis. F'salt wieħed dort fuq Tereża u għidtilha "ara ma taqbiżlekx xi kelma bil-Mosti, għax aqta' kif joħroġ għalina San Kurradu minn dik l-istatwa"! B'ċajta, kont qed nirreferi għal-leġġenda ta' San Kurradu, li aħna l-Mostin nafuha sewwa, imma li ma tantx nirrakkontawha lill-barranin, bħalma nagħmlu bil-leġġenda ta' 'L-Għarusa tal-Mosta' jew 'Il-Madonna ta' l-Isperanza' li fuqhom inkitbu poeżiji, ballati u mużika.

## Il-Leġġenda ta' San Kurradu

Il-leġġenda ta' San Kurradu teħodna ferm aktar lura fis-snin għax titkellem fuq eremit li kien jgħix f'għar f'Wied il-Għasel fl-ewwel snin tas-seklu erbatax. Żgur li fuq dawk iż-żminijiet hawn Malta ma jeżistux dokumenti. Biex insibu referenza għal Malta, irridu nfittxu f'arkivji fi Sqallija. Meta nitkellmu fuq leġġenda diffiċli ngħidu kemm hemm verità storika, għax mal-medda tas-snin, l-istorja bħal biċċa drapp tiżżejjen bil-bizzilla u ssir leġġenda.

Fi tfuliti meta l-ħajja fil-Mosta kienet iktar kwieta, spiss konna mmorru nimxu lejn il-fortizza u ngħaddu minn fuq il-pont tal-ħadid, u kien hemm li għall-ewwel darba smajt fuq San Kurradu, mingħand oħti Biċe, li biex tirrakkonta l-istejjer ħadd ma kien jirbħilha.

## L-Eremit tal-Wied

Ġewwa għar f'Wied il-Għasel. qrib il-kappella ta' San Pawl Eremita, kien jgħix raħeb twajjeb. Minn ħdejn dan il-għar kienu jgħaddu xi bdiewa li kellhom l-għelieqi tagħhom fil-qrib. Minn kliemhom u għemilhom kienu jidhru li ma tantx kienu ta' ħajja tajba, u għalhekk Kurradu ħass il-ħtieġa li jwiddibhom. Kliemu ma tantx niżlilhom, allura ħasbu kif jeħilsu minnu. Qabbdu waħda mara biex tagħmel ta' bir-ruħha li kien qed iħossha ħażin, u għalhekk issejjaħ għall-għajnuna. Jekk ir-raħeb ma jmurx jgħinha, jgħidu li nieqes mill-karità, jekk imur jgħinha, jgħidu li mar jagħtiha fastidju. Il-mara hekk għamlet, u x'ħin Kurradu ħareġ biex jgħinha bdew jakkużawh u keċċewh billi ġrew warajh matul il-wied, sa ma waslu n-naħa tas-Salina. X'ħin wasal fejn il-baħar hu firex il-mantell fuq l-ilma u baqa' sejjer. Għalxejn dawk in-nies, issa niedma minn għemilhom, bdew isejħulu jiġi lura għax hu baqa' sejjer sakemm għeb minn quddiem għajnejhom.



*Il-kappella ta' San Pawl Eremita f'għar f'Wied il-Għasel, fejn hu maħsub li kien jgħix San Korradu. (Ritratt: Ruben Chetcuti)*

Hekk kienet ittemm l-istorja oħti, imma biex iġġennibha xi ftit kienet tgħid li dawk il-bdiewa kienu x'aktarx Naxxarin! Aħna qegħdin nitkellmu fuq l-ewwel snin tas-seklu erbatax. Nistgħu ngħidu li x'aktarx dawk in-naħiet kien hemm irziezet tal-bdiewa mifruxin fuq kull naħa tal-wied. Oħti forsi kellha raġun tgħid li ma kienux Mostin, imma mill-banda l-oħra, mhux sewwa nitfgħu l-ħtija fuq in-Naxxarin.

## Wasla fi Sqallija

Wara t-tluq tiegħu minn Malta, Kurradu wasal Sqallija u baqa' sejjer lejn Noto fejn għex f'wied 'il barra mill-belt. Fil-kalendarju tal-qaddisin hemm diversi b'dan l-isem. Imma dan Kurradu li qed nitkellmu fuqu u li nfakkruh fid-19 ta' Frar, twieled fi Piacenza - in-naħa ta' fuq ta' l-Italja fis-sena 1290. Kien ġej mill-familja nobbli Confalonieri u żżewweġ lil Eufrosina, ġejja hi wkoll minn familja nobbli ta' Lodi. Hu ħaddan il-karriera militari u kellu n-namra tal-kaċċa, kellhom żwieġ u ħajja feliċi, iżda inċident li ġralu, biddel għal



Il-kappella ta' San Pawl Eremita – aktar mill-qrib.

kollox lil ħajjithom.

Jum wieħed waqt li kien għall-kaċċa, ħarbulu l-klieb u għalhekk qabbad ħuġġieġa fil-masġar, bit-tama li l-klieb jiġu lura. Iżda ġara, li n-nar infirex u laħaq ukoll xi għelieqi fil-qrib. Saret ħsara kbira u l-ħtija ntefgħet fuq bidwi. Kurradu mqanqal mir-rimors, mar jistqarr li dak li ġara kien kollu ħtija tiegħu, u li kien lest li jagħmel tajjeb għad-danni. Biex jagħmel dan kellu jbiegħ 'il ħafna ġid li kellu, u martu wkoll issagrifikat id-dota tagħha għal dan il-għan.

Din il-ġrajja biddlet lil ħajjithom u t-tnejn ħadu l-ħajja reliġjuża. Eufrosina daħlet mas-Sorijiet Klarissi ta' Piacenza, filwaqt li Kurradu ngħaqad mat-Terzjarji Franġiskani ta' Calendasco.

Maż-żmien, biex jinqata' dejjem aktar mid-dinja, mar Ruma, u aktar tard baqa' nieżel lejn Sqallija, u għex f'wied qrib Noto fejn miet fid-19 ta' Frar 1351.

Il-fdalijiet tiegħu huma miżmuma f'urna fil-knisja ta' San Nikola. Sa minn ħajtu, kellu fama ta' qaddis u ħafna grazzji ta' fejqan ġew attribwiti lilu. Fil-kotba tal-qaddisin '*The Franciscan Book of Saints*' (1979) u Butler's '*Lives of Saints*' (1956) isemmu lil ċertu '**Corrado Confalonieri**' ta' Noto, imma ma jgħidu xejn li hu għadda xi żmien f'Malta.

Mill-banda l-oħra, bħalma jikteb E.B. Vella fil-ktieb tiegħu 'L-Istorja tal-Mosta' - f'jum il-festa tal-qaddis, jiġifieri fid-19 ta' Frar, quddiem l-altar fejn jinsabu l-fdalijiet tiegħu, jingħad dan il-vers bil-latin li tradott bil-Malti jfisser "O San Kurradu, li minn Malta għaddejt għal Sqallija bla ma xarrabt saqajk, itlob għalina".!

## San Kerrew f'Għawdex

F'Santa Marija tal-Qala, Kurradu jidħol ukoll fil-leġġenda. Il-qaddis jissejjaħ bil-Għawdxi bħala 'San Kerrew', li minn Wied il-Għasel wasal Għawdex wara li għadda minn Kemmuna fejn qatta' l-bqija ta' ħajtu. Imma De Soldanis (1712-1770) jistqarr li ma nafux min kien l-eremit li għex fil-Qala.

Bħalma qed naraw, diffiċli tasal għal konklużjoni dwar il-ħajja ta' dan il-qaddis. Ġrajja li lili ilha tinteressani kemm meta smajtha l-ewwel darba mingħand oħti, u iktar u iktar minn dakinhar li rajt l-istatwa tiegħu fil-wied ta' Noto fl-1960.



L-altar tal-kappella ta' San Pawl Eremita mżejjen għall-ewwel darba wara r-restawr fl-1993.

Għalhekk dan is-sajf bi ħsiebni nerġa' mmur Noto, mhux biss biex nara l-knejjes u palazzi barokki li għalihom din il-belt hija magħrufa, imma wkoll immur fil-Knisja ta' San Nicola fejn hemm il-fdalijiet tiegħu, kif ukoll fil-wied fejn tinsab l-istatwa.

Ngħidu wkoll lil San Kurradu li jekk hu veru li hu ġie mkeċċi minn Wied il-Għasel tant snin ilu, issa nixtiequ npattulu billi xi darba nsemmu triq għalih fil-Mosta.

Fil-fatt insibu waħda jisimha 'Triq l-Eremit', iżda dik hija msemmija għal San Pawl l-Ewwel Eremita. Għalhekk hu xieraq li fil-Mosta tissemma' triq għal San Kurradu.





Best bib & tucker
69A, Eucharistic Congress Road,
Mosta MST 09, Malta
Tel: 2141 9132 / 2141 5120
Fax: 2141 5120 Mob: 9940 8339

Importers of the latest Formal & Casual fashion clothing.

For babies & kids (0-14yrs), Christening, Confirmation, Swimming, Underwear & Accessories

